

# IL-KULT TA' SANTA KATERINA TA' LIXANDRA

Is-Sur Joe Chetcuti – Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori' fuq Radio 101



Dwar ir-reliġjon f'pajjiżna twaqqfet 870 wara Kristu meta l-Arab ħakmu pajjiżna ftit li xejn nafu, għax it-traċċi huma ftit li xejn. Imma nafu li wara l-ħakma Arbija, ir-reliġjon f'pajjizna reġgħet bdiet tieħu r-ruħ u terġa' tikber. Dwar il-kult ta' Santa Katerina f'Malta li nafu żgur huwa li fl-1436 kien diġa stabilixxa ruħu sewwa, tant li fost it-tnax –il kappella jew knejjes li jissemmew skont rapport li kien talab li jsir l-Isqof De Mello, kienu ddedikati lil Santa Katerina. Dawn kienu fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq. Iż-Żejtun u l-inħawi li kienu jaqgħu taħtu kienu jissejħu praebenda Sanctae Catharinae. L-ewwel darba li sal-lum jissemma xi benefika li għandu x'jaqsam mal-knisja l-antika ta Santa Katerina f'dan ir-raħal imur lura għal 1372, u kien f'idejn xi ħadd bil-kunjom Axiak. Imma nafu li l-kult ta din il-qaddisa kien daħal sewwa fit-tieni parti tas-seklu sittax. Meta Monsijur Pietro Dusina kien għamel il-vista appostolika tiegħu fl-1575, huwa kien żar 414 il-knisja u kappella li kien hawn imferxa ma' Malta u Għawdex. Dedikati lil Santa Katerina kien hawn sittax. Dan ifisser li kien it-tielet l-akbar ammont ta' kappelli li kien hawn fil-gzejjer Maltin wara dawk dedikati lill-Madonna li kienu jammontaw 168, lil San Nikola ta' Bari li kienu jammontaw għal 32, imbagħad Santa Katerina. Dawn il-knejjes u kappelli nsibu li kienu fiż-Żejtun, Żurrieq, tnejn fil-limiti tar-Rabat, Naxxar, Birkirkara, Siġġiewi, Qormi, Bir Miftuħ, Imqabba, Gudja, Ħal Lew, Birgu, Qrendi, Mellieħa, u oħra f'Għawdex. Sfortunatament minn dawn il-kappelli għaxra biss ghadhom jeżistu, b'dik tax-Xwieki illum limiti tal-Għargħur u mhux Birkirkara tinsab fi stat ta' abbandun. Minn barra dawn il-knejjes u kappelli nsibu li kien hemm ukoll kappelli u altari ġo knejjes iddedikati lil xi qaddisin oħra. Dawn kienu jinsabu fil-knejjes tad-Dumnikani r-Rabat, u dik ta' Porto Salvu fil-Belt Valletta, fil-parroċċi ta' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Tarxien, u Rabat Għawdex. Fil-vista pastorali ta' Mgr. Dusina nsibu li fiż-Żejtun kien hemm devozzjoni kbira lejn din il-qaddisa tant li ta' kull ġimgħa kienu jinġabru nies minn kull parti ta' Malta sabiex jitlobu biex jaqilgħu grazzji bl-interċessjoni tagħha. Xi haġa ta' interess huwa, li fatt li l-purċissjoni ta' San Girgor bdiet wara wegħda li numru kbir ta' nies li kien miġbura fil-knisja għamlu wara maltempata kbira li kienet inqagħlet fl-1343. Insibu wkoll minn mapep u anki dokumenti antiki li matul is-sekli 15 u 16 ir-raħal taż-Żejtun kien magħruf bħala Santa Katerina, u dan żgur li baqa' hekk sa nofs is-seklu tmintax. Il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta kompliet isaħħaħ dan il-kult. Qabel ġew Malta nafu li kellhom diversi kappelli u knejjes kull fejn kienu dedikati lil din il-qaddisa, u hawn Malta sar l-istess. Mal-miġja tagħhom fil-knisja konventwali taghom kellhom kappelladdedikata lil Santa Katerina. Il-Kavallieri Taljani kien bnew kappella lil Santa Katerina kemm fil-Birgu kif ukoll fil-Belt viċin ħafna tal-Berġa tagħhom. Dik tal-Belt għada teżisti sal-lum. Din il-qaddisa kienet tant għal qalb il-Kavallieri li saħansistra anki fil-Palazz tal-Granmastru insibu affresk li kien sar minn Matteo Perez d'Aleccio lejn l-aħħar kwart tas-seklu sittax li juri sbark tat-Tork fil-bajja ta Marsaxlokk, b'numru ta xwieni f'ħalq il-bajja. Fuq in-naħa ta' fuq ta' dan l-affresk insibu l-Madonna, Santa Katerina, San Pawl, San Ġwann il-Battista, li flimkien qed jitolbu l-interċessjoni tal-Ispirtu s-Santu għas-salvazzjoni ta' Malta. Affresk bħal dan juri biċ-ċar kemm din il-qaddisa kienet għall-qalb il-Kavallieri. Biex inkompli insaħħaħ dan l-argument infakkar li lejliet il-25 ta' Novembru l-Kavallieri kienu jiċċelbraw il-festa ta' Santa Katerina b'pompa kbira. F'din il-festa kienet issir purċissjoni minn san Ġwann għal knisja ta' Santa Katerina u min barra l-Kavallieri kienu jieħu sehem il-Gran Mastru u jitkanta il-vespri. L-għada filgħodu jum il-festa l-Gran Mastru kien jerġa jmur fil-knisja ta' Santa Katerina l-Belt u flimkien mal-kavallieri kien jassisti għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Fi tmien il-quddiesa kienet issir purċissjoni oħra bir-relikwa ta' din il-qaddisa fit-toroq tal-belt. Sfortunatament ir-relikwarju kien ġie misruq minn Napuljun meta kien Malta. Ir-relikwa kienet ġiet salvata u llum tinsab fil-katidral ta San Ġwann. Relikwi oħra ta' Santa Katerina jinsabu fiż-Żejtun, Zurrieq, fil-Knisja ta' San Publiju r-Rabat. Insibu ukoll xi relikwi ta din il-qaddisa f'altar tal-Kappella tal-Madonna tal-Mirakli li hemm Ħal Lija. Il-kult ta' din il-qaddisa fost il-Kavallieri ta' San Ġwann kien

***Ikompli....***



beda sa mis-seklu ħdax, meta l-Ordni ġiet imwaqqfa f'Ġerusalem. Meta dawn ġew imkeċċija mill-Palestina, il-Kavallieri Taljani baqgħu jieħdu ħsieb it-tempju ddedikat lil Santa Katerina, kif għamlu wkoll f'Rodi u f'Malta. Minn Ġerusalem kienu ġabu magħhom sett ta' arazzi li kienu jintuzaw fil-knisja konventwali li kellhom fil- Birgu. Xi wħud min dawn kien juru lil Santa Katerina. Sfortunatament dawn m' għadhomx jeżistu għax kienu ntilfu meta l-Knisja ta' San Lawrenz ħadet in-nar fl-1532 waqt il-festi tal-Għid. Ma' dawn kienu ntilfu ħafna affarijiet prezzjużi fosthom ikoni. Ir-rispett kbir li l-Kavallieri kellhom lejn Santa Katerina jixhduh ukoll it-tliet bastimenti li l-Ordni kellha bl-isem ta din il-qaddisa. Dawn it-tliet galere kienu nbnew fl-1519, 1535 u fl-1647. Insibu wkoll dokumentat li kien hemm żewġ opri oħra tal-baħar li kienu magħrufa bħala Vascello S. Caterina li nbniet fl-1704, u fregata S. Caterina li nbiet għaxar snin qabel l-ordni ħalliet Malta. L-influwenza li hallew il-Kavallieri ta' Malta fuq din il-qaddisa kompliet tikber u tinfirex ma' diversi bliet u rħula oħra. Insibu numru ta' altari konsagrati lil din il-qaddisa f'diversi parroċċi, u anke ħafna kwadri li jagħtu episodji differenti mill-ħajja tagħha. Fil-Belt Valletta nsibu monasteru tas-sorijiet tal-klawsura dedikat lil Santa Katerina. Fil-Birgu kienet teżisti fratellanza ta' Santa Katerina li ħafna minnhom kienu ħaddiema li jagħmlu l-ħbula, peress li din is-sengħa fil-Kottonera kienet popolari ħafna. Fix-xahar ta' Novembru kienu jagħmlu festa kbira, u kienu joħorġu bl-istatwa dedikata lil din il-qaddisa mat-toroq tal-Birgu. Din il-purcissjoni kienet waqfet kif bdiet il-gwerra u ma nsibu ebda dokument li jgħid li kompliet wara l-gwerra, għalkemm fuq l-altar dedikat lil Santa Katerina fil-Birgu kienet issir quddiesa bil-paniġierku. Minn barra din tal-Birgu nsibu li kien hemm fratellanza oħra ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq li kienet bdiet fl-1652. Din il-fratellanza kienet maghrufa bhala tal-Antorci, sakemm aktar 'il quddiem bdiet tissejjaħ Confraternina dell'Agonia. Jekk wieħed jara r-reġistri tal-magħmudija tal-Parroċċi taż-Żejtun u taż-Zurrieq isib li fil-passat ħafna familji kellhom id-drawwa li jsemmu lil xi waħda minn uliedhom Katerina b'rispett lejn din il-qaddisa, drawwa li f'dawn l-aħħar snin għalkemm ma inqattax ghal kollox naqset ħafna. F'dawn l-irħula u rħula oħra fejn l-agrikoltura kienet bħala l-mezz ta xogħol prinċipali nsibu li l-bdiewa kienu jorbtu x-xoghol tagħhom mal-25 ta' Novembru li huwa jum il-festa ta din il-qaddisa. Tant li nsibu li l-ful kien jinżara fil-ġimgħa ta' Santa Katerina, Il-qamħ ukoll kien jinżara f'dan ix-xahar tant li huwa magħruf li l-qamħ ta' Novembru kien jagħti prodott tajjeb u bil-bosta mhux biss fejn jidħol il-qamħ imma anke fejn jidħol it-tiben. Il-bidwi li nistgħu ngħidu fl-antik kien il-kaċċatur ukoll kien jemmen li l-ġimgħa ta' Santa Katerina kienet iġġib magħha żmien l-istagun tal-kaċċa, u n-nassab kien jerfa ukoll x-xbiki għas-sena ta wara. Insibu numru ta proverbji marbuta ma' żmien il-festa ta' Santa Katerina wkoll.

Kif kulħadd jaf iż-Żejtun kienu għadhom sal-bidu tas-snin disgħin tas-seklu l-ieħor il-festa kienet tinżamm fil-ġurnata propja tagħha jew l-iqreb Ħadd. Diversi drabi din il-festa kienet tiġi trasferita minħabba l-maltemp. Imma wara qbil ma' dawk kollha involuti fil-festa din bdiet issir f'nofs Ġunju. Minn naħa l-oħra ż-Żurrieq ittrasferew il-festa ta Santa Katerina għas-sajf fl-1956. Fiż-żewġ postijiet nafu li jsiru festi kbar għad unur din il-qaddisa. Il-knejjes ikunu armati għal okkażjoni, filwaqt li l-briju fit-toroq għal min iħobb il-festi mhux ta' min jitilfu. Il-paruċċani ta' dawn iż-żewġ villaġġi, ma baqgħux lura lanqas sabiex il-knejjes tagħhom ikunu mżejna b'żewġ statwi sbieħ ħafna. Dik taż-Żurrieq hija xogħol tal-istatwarju Mariano Gerada, xogħol fl-injam li nħadem fl-1818, filwaqt li dik taż-Żejtun inġabet minn Spanja, propju lejn l-aħħar tas-seklu 19 imma sar xi xogħol fuqha aktar 'il quddiem lejn l-aħħar kwart tas-seklu għoxrin.

Il-kult ta' Santa Katerina għadu b'saħħtu ħafna f'dawn iż-żewġ irħula li semmejna għalkemm għad hemm xi villaġġi oħra li f'jum il-festa propja jsiru xi funzjonijiet interni. Il-kult li kien imferrex sewwa ma ħafna irħula kif rajna aktar 'il fuq naqas għal semplici raguni waħda, li ħafna mill-kappelli ddedikati lil din il-qaddisa m' għadhomx jeżistu għax waqgħu, jinsabu fi stat ta abbandun, jew inkella sempliċiment qed jintużaw bħal imħazen fejn jinzamm l-armar tal-festa ta' barra. Minkejja dan kollu l-kult baqa' b'saħħtu ħafna.

Referenzi:
*Hajr lis-Sur Max Farrugia*

